**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**B9-0205/2024**

3.4.2024

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-inklużjoni tad-dritt għall-abort fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE
(2024/2655(RSP))

**Predrag Fred Matić, Cyrus Engerer, Iratxe García Pérez, Evelyn Regner, Katarina Barley, Heléne Fritzon, Gabriele Bischoff, Maria Noichl, Birgit Sippel, Robert Biedroń, Laura Ballarín Cereza, Vilija Blinkevičiūtė, Sylvie Guillaume, Evin Incir, Marina Kaljurand, Łukasz Kohut, Maria-Manuel Leitão-Marques, Radka Maxová, Alessandra Moretti, Matjaž Nemec, Carina Ohlsson, Thijs Reuten, Isabel Santos, Vera Tax**
f'isem il-Grupp S&D
**Valérie Hayer, María Soraya Rodríguez Ramos, Samira Rafaela, Hilde Vautmans, Dominique Riquet, Guy Lavocat, Abir Al-Sahlani, Martin Hojsík, Olivier Chastel, Gilles Boyer, Irena Joveva, Sylvie Brunet, Klemen Grošelj, Karin Karlsbro, Fabio Massimo Castaldo, Marie-Pierre Vedrenne, Max Orville, Stéphane Bijoux, Fabienne Keller, Catherine Chabaud, Nathalie Loiseau, Jérémy Decerle, Salima Yenbou, Sandro Gozi, Ilana Cicurel, Laurence Farreng, Catherine Amalric, Christophe Grudler, Irène Tolleret, Karen Melchior**
f'isem il-Grupp Renew
**Gwendoline Delbos-Corfield, Diana Riba i Giner, Sylwia Spurek, Tilly Metz, Kim Van Sparrentak, Francisco Guerreiro, Mounir Satouri,**

**Damien Carême, Thomas Waitz, Ville Niinistö, Alice Kuhnke, Jakop G. Dalunde, Pär Holmgren**
f'isem il-Grupp Verts/ALE
**Eugenia Rodríguez Palop, Manon Aubry, Malin Björk, Leila Chaibi, José Gusmão, Marina Mesure, Younous Omarjee, Dimitrios Papadimoulis, Manu Pineda, Idoia Villanueva Ruiz, Nikolaj Villumsen**
f'isem il-Grupp The Left
**Tomas Tobé, Jessica Polfjärd, Arba Kokalari, Jörgen Warborn, David Lega**

**B9-0205/2024**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-inklużjoni tad-dritt għall-abort fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE**
**(2024/2655(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tal-1950,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-1979 dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa,

– wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta) tal-2000,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Frar 2019 dwar ir-rigressjoni attwali tad-drittijiet tan-nisa u tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-UE[1],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Novembru 2019 dwar il-kriminalizzazzjoni tal-edukazzjoni sesswali fil-Polonja[2],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Novembru 2020 dwar il-projbizzjoni *de facto* tad-dritt għall-abort fil-Polonja[3],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Novembru 2021 dwar l-ewwel anniversarju tal-projbizzjoni *de facto* tal-abort fil-Polonja[4],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar is-sitwazzjoni tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati fl-UE, fil-kuntest tas-saħħa tan-nisa[5],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Mejju 2022 dwar l-impatt tal-gwerra kontra l-Ukrajna fuq in-nisa[6],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2022 dwar theddid globali għad-dritt għall-abort: il-possibbiltà li l-Qorti Suprema tirrevoka d-dritt għall-abort fl-Istati Uniti[7],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Lulju 2022 dwar id-deċiżjoni tal-Qorti Suprema tal-Istati Uniti biex tabolixxi d-drittijiet tal-abort fl-Istati Uniti u l-ħtieġa li jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet tal-abort u s-saħħa tan-nisa, inkluż fl-UE[8],

[1] ĠU C 449, 23.12.2020, p. 102.
[2] ĠU C 208, 1.6.2021, p. 24.
[3] ĠU C 425, 20.10.2021, p. 147.
[4] ĠU C 205, 20.5.2022, p. 44
[5] ĠU C 81, 18.2.2022, p. 43.
[6] ĠU C 465, 6.12.2022, p. 155.
[7] ĠU C 493, 27.12.2022, p. 120.
[8] ĠU C 47, 7.2.2023, p. 268.

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Novembru 2023 dwar proposti tal-Parlament Ewropew għar-reviżjoni tat-Trattati[9],

– wara li kkunsidra l-linji gwida tad-WHO bit-titolu "Safe abortion: technical and policy guidance for health systems" (Abort sikur: gwida teknika u strateġika għas-sistemi tas-saħħa),

– wara li kkunsidra l-istrateġija 2017-2021 tad-WHO dwar is-saħħa u l-benesseri tan-nisa fl-Ewropa: lil hinn mill-medja tal-mortalità u għall-pjan ta' azzjoni tal-2016 għas-saħħa sesswali u riproduttiva: lejn it-twettiq tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli fl-Ewropa – ħadd ma jitħalla jibqa' lura,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Marzu 2020 bit-titolu "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija ta' Ugwaljanza Bejn is-Sessi għall-2020-2025" (COM(2020)0152),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Novembru 2020 bit-titolu "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025" (COM(2020)0698),

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB) u l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB),

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, li fetħet għall-iffirmar f'Istanbul fil-11 ta' Mejju 2011 (il-Konvenzjoni ta' Istanbul) u ġiet irratifikata mill-UE fit-28 ta' Ġunju 2023,

– wara li kkunsidra l-kumment ġenerali Nru 36 tal-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU (2018) dwar l-Artikolu 6 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, dwar id-dritt għall-ħajja,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Jannar 2024 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea fl-2022 u l-2023[10],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Frar 2024 bit-titolu "Ir-Rapport tal-Kummissjoni tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt"[11],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-aċċess għas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR), inkluż il-kura għal abort sikur u legali, jikkostitwixxi dritt fundamentali; billi huwa essenzjali li jiġu ssodisfati s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati biex tinżamm id-dinjità tal-bniedem u peress li dan huwa intrinsikament marbut mal-ġlieda kontra l-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, u mal-ksib tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u firxa

[9] Testi adottati, P9_TA(2023)0427.
[10] Testi adottati, P9_TA(2024)0050.
[11] Testi adottati, P9_TA(2024)0108.

wiesgħa ta' drittijiet tal-bniedem oħra bħad-dritt ta' persuna għall-ħajja, għas-saħħa, għall-privatezza, għas-sigurtà tal-persuna, għan-nondiskriminazzjoni, għall-ugwaljanza quddiem il-liġi u għall-ħelsien mit-tortura u minn trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra;

B. billi l-kapaċità tan-nies li jeżerċitaw l-awtonomija riproduttiva tagħhom, jikkontrollaw il-ħajja riproduttiva tagħhom u jiddeċiedu jekk, meta u kif ikollhom it-tfal hija essenzjali għar-rispett sħiħ tad-drittijiet tal-bniedem tan-nisa, tall-bniet u l-persuni kollha li jistgħu jkunu tqal; billi l-ġisem ta' persuna, l-għażla tagħha, u għaldaqstant l-awtonomija sħiħa tagħha, huma dak li jrid jiġi ggarantit;

C. billi l-Karta tnaqqax id-drittijiet fundamentali u l-libertajiet ewlenin għall-persuni li jgħixu fl-UE; billi l-protezzjoni tal-kura tal-abort sikur u legali għandha implikazzjonijiet diretti għall-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet rikonoxxuti fil-Karta, bħad-dinjità tal-bniedem, l-awtonomija personali, l-ugwaljanza, is-saħħa u l-integrità fiżika u mentali; billi li persuna tkun imċaħħda mill-aċċess għall-kura tal-abort jikkostitwixxi ksur ta' dawn id-drittijiet fundamentali;

D. billi l-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU rrikonoxxa speċifikament li d-deċiżjoni ta' persuna li tirrikorri għal terminazzjoni volontarja tat-tqala taqa' fl-ambitu tad-dritt għall-privatezza; billi l-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU sab ukoll li n-nuqqas li wieħed jaġixxi f'konformità mad-deċiżjoni ta' mara li tagħmel abort legali huwa ksur tad-dritt għall-privatezza, inkluż meta l-ġudikatura tinterferixxi ma' tali deċiżjoni;

E. billi fir-Rakkomandazzjoni Ġenerali Nru 35 tiegħu, il-Kumitat tan-NU għall-Eliminazzjoni tad-Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW) iddikjara b'mod espliċitu li l-kriminalizzazzjoni tal-abort hija ksur tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati tan-nisa u forma ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, u ħeġġeġ lill-Istati jirrevokaw l-leġiżlazzjoni kollha li tikkriminalizza l-abort;

F. billi s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati huma fost il-miri tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU, b'mod partikolari l-Mira 3.7 li titlob aċċess universali għas-servizzi tal-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva, inkluż għall-ippjanar tal-familja, l-informazzjoni u l-edukazzjoni, u l-integrazzjoni tas-saħħa riproduttiva fi strateġiji u programmi nazzjonali, u l-Mira 5.6 li tindika l-ħtieġa li jiġi żgurat aċċess universali għas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati kif miftiehem f'konformità mal-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u d-dokumenti ta' eżitu tal-konferenzi ta' rieżami tagħhom;

G. billi pajjiżi b'liġijiet inqas restrittivi dwar l-abort ġeneralment għandhom rati ta' abort aktar baxxi minn pajjiżi b'liġijiet restrittivi ħafna dwar l-abort[12]; billi fid-dawl li tiġi żgurata awtonomija sħiħa tal-ġisem, inkluż it-tnaqqis fin-numru ta' tqaliet mhux intenzjonati u li n-nies ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar ħajjithom u ġisimhom, l-aċċess għal edukazzjoni komprensiva, xierqa għall-età u bbażata fuq l-

[12] Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, "Information series on sexual and reproductive health and rights – abortion" (Serje ta' Informazzjoni dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati – l-abort), 2020.

evidenza dwar is-sesswalità u r-relazzjonijiet għal kulħadd huwa essenzjali, bħalma huwa l-aċċess għal kontraċezzjoni ta' kwalità għolja, aċċessibbli, sikura u bla ħlas u konsulenza dwar l-ippjanar tal-familja; billi edukazzjoni komprensiva u adattata għall-età dwar is-sesswalità hija essenzjali biex tinbena l-abbiltà fit-tfal u fiż-żgħażagħ li jiffurmaw relazzjonijiet b'saħħithom, ugwali u sikuri, b'mod partikolari billi jiġu indirizzati n-normi tal-ġeneru, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-dinamika tal-poter fir-relazzjonijiet u l-kunsens u r-rispett għal-limiti; billi dan jikkontribwixxi wkoll biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;

H. billi f'vot importanti fl-4 ta' Marzu 2024, il-leġiżlaturi Franċiżi naqqxu fil-Kostituzzjoni Franċiża l-libertà garantita li jsir abort; billi Franza hija l-ewwel pajjiż fid-dinja li espliċitament għamel l-abort dritt kostituzzjonali; billi din ir-reviżjoni kostituzzjonali għandha l-għan li tistabbilixxi salvagwardja fil-kuntest tar-rigress fid-drittijiet tal-abort fl-UE u globalment, inkluż fl-Istati Uniti, fil-Polonja, fl-Ungerija u f'Malta; billi l-ħidma u l-impenn tal-organizzazzjonijiet femministi u l-parlamentari fi Franza kienu essenzjali biex tiġi żgurata maġġoranza b'appoġġ għall-protezzjoni kostituzzjonali tad-dritt għall-abort;

I. billi mill-inklużjoni tad-dritt għall-abort fil-Kostituzzjoni Franċiża, inizjattivi simili diġà ġew ikkunsidrati f'pajjiżi oħra bħal Spanja u l-Iżvezja, li juri l-ħtieġa għal reazzjoni Ewropea għar-repressjoni fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u r-rigress fis-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati u għall-protezzjoni b'mod kostituzzjonali tad-drittijiet li qed jiġu attakkati;

J. billi l-appoġġ finanzjarju jeħtieġ li jakkumpanja bidliet leġiżlattivi pożittivi biex id-dritt għall-aċċess għall-kura tal-abort isir realtà;

K. billi għalkemm l-UE għandha wħud mill-ogħla standards tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati fid-dinja, in-nisa u l-membri tal-komunità LGBTIQ+ għadhom jiffaċċjaw ostakli biex igawdu l-awtonomija ta' ġisimhom; billi dawn l-ostakli jistgħu jkunu ta' natura legali, politika, finanzjarja, kulturali jew relatata mal-informazzjoni;

L. billi xi Stati Membri għad għandhom liġijiet restrittivi ħafna li jipprojbixxu l-abort ħlief f'ċirkostanzi definiti b'mod strett, li jirriżultaw f'każijiet fejn in-nisa jkollhom ifittxu proċeduri perikolużi u ta' theddida għall-ħajja, jivvjaġġaw lejn pajjiżi oħra jew ikomplu bit-tqala tagħhom sal-aħħar kontra r-rieda tagħhom, u dan huwa ksur tad-drittijiet tal-bniedem tagħhom u forma ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru; billi xi Stati Membri li llegalizzaw l-abort fuq talba jew għal raġunijiet soċjali oħra madankollu jkomplu jżommu sanzjonijiet kriminali speċifiċi għal aborti mwettqa barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet legali applikabbli;

M. billi bosta Stati Membri bħalissa qed jippruvaw jillimitaw aktar l-aċċess għas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati permezz ta' liġijiet restrittivi ħafna, li jirriżultaw f'aċċess limitat għall-kura tas-saħħa u diskriminazzjoni u vjolenza abbażi tal-ġeneru; billi dawn l-inizjattivi u dan ir-rigress jostakolaw l-issodisfar tad-drittijiet tan-nies, ifixklu l-iżvilupp tal-pajjiżi u jdgħajfu id-demokrazija, il-valuri u d-drittijiet fundamentali Ewropej;

N. billi rigress ikkoordinat u ffinanzjat tajjeb fl-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-diversità

LGBTIQ+ u l-feminiżmu qed jissawwar globalment; billi madwar id-dinja, forzi rigressivi u atturi reliġjużi ultrakonservattivi u tal-lemin estrem qed jippruvaw ineħħu għexieren ta' snin ta' avvanzi fid-drittijiet tal-bniedem u jimponu ħarsa dinjija dannuża fuq ir-rwoli tal-ġeneri fil-familji u l-ħajja pubblika; billi dawn il-movimenti u l-attakki huma konnessi mill-qrib mat-tendenza ta' retroattività awtoritarja fuq id-demokrazija globali; billi dan jirrappreżenta theddida ċara għall-istat tad-dritt fl-Ewropa;

O. billi dawn il-movimenti kontra l-ġeneru u kontra d-drittijiet qed jattakkaw speċifikament id-drittijiet sesswali u riproduttivi u l-awtonomija tan-nisa, u jinfluwenzaw il-leġiżlazzjoni u l-politika, li jwasslu biex jiġu implimentati inizjattivi retrogressivi f'diversi Stati Membri bil-għan li jimminaw is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati;

P. billi l-Polonja kompliet tillimita l-aċċess għall-kura legali tal-abort, wara deċiżjoni tat-Tribunal Kostituzzjonali illeġittimu fit-22 ta' Ottubru 2020[13] li involviet projbizzjoni *de facto* tal-abort u li wasslet għall-mewt ta' mill-inqas sitt nisa; billi n-nisa kienu taħt investigazzjoni talli allegatament għamlu l-aborti u d-difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem u tad-drittijiet riproduttivi ġew imħarrka talli għenu lin-nisa jaċċessaw il-kura tal-abort, jew talli pprotestaw għad-dritt għall-abort; billi s-sentenza reċenti tal-QEDB f'*M.L.* vs *il-Polonja* sabet li kien hemm ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja fil-każ ta' mara li ġiet sfurzata tivvjaġġa barra mill-pajjiż għal abort bi spiża personali konsiderevoli u 'l bogħod min-network ta' appoġġ tal-familja tagħha u li jinvolvi impatt psikoloġiku sinifikanti;

Q. billi l-Gvern Pollakk li għadu kif ġie elett huwa impenjat li jipproponi liġijiet ġodda biex jiżguraw id-drittijiet tan-nisa u l-aċċess għas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, inkluża l-kura tal-abort; billi, sfortunatament, votazzjoni dwar proposti għal abbozzi ta' liġi biex jiġi dekriminalizzat u żgurat l-aċċess għall-kura tal-abort ġiet posposta fis-Sejm Pollakk għal ħames ġimgħat, iżda fortunatament din il-votazzjoni issa hija skedata għall-10 ta' April 2024;

R. billi f'Malta, l-abort huwa *de facto* pprojbit u kriminalizzat; billi r-riforma ta' Lulju 2023 rat bidla inkwetanti fil-Parlament Malti, billi neħħiet drittijiet u żiedet saħansitra aktar riskji u ostakli minn qabel għall-aċċess għall-kura tal-abort; billi fost dawn l-ostakli, it-tobba jistgħu jtemmu tqala biss jekk il-ħajja tal-persuna tkun f'riskju immedjat u qabel il-"vijabbiltà tal-fetu", u huma meħtieġa li jirreferu lill-persuna tqila li tkun qed tmut quddiem bord mediku ta' tliet konsulenti; billi każijiet ta' periklu serju għas-saħħa huma esklużi mil-liġi; billi persuna tqila li għandha l-kanċer f'Malta ma tistax tiġi ttrattata kif xieraq u trid tistenna t-twelid tat-tarbija qabel ma tkun tista' taċċessa t-trattament tal-kanċer, u dan jirriżulta f'inqas possibbiltajiet ta' trattament ta' suċċess;

S. billi l-abort mediku mhuwiex legali fis-Slovakkja jew fl-Ungerija; billi f'Settembru 2022, l-Ungerija għaddiet digriet li jobbliga lin-nisa li qed ifittxu abort jisimgħu "l-qalb tħabbat tal-fetu"; billi fis-Slovakkja, ġew osservati tentattivi ripetuti biex jiġi ristrett l-aċċess għall-kura tal-abort permezz ta' abbozzi ta' liġi retrogressivi

[13] sentenza tal-QEDB dwar it-Tribunal Kostituzzjonali, Kawża ta' Xero Flor w Polsce sp. z o.o. vs il-Polonja *(Nru tal-applikazzjoni 4907/18)*, ara l-paragrafu 289.

fil-parlament;

T. billi fl-Italja ukoll qed jonqos l-aċċess għall-kura tal-abort[14]; billi f'pajjiżi bħall-Italja, is-Slovakkja u r-Rumanija, maġġoranza kbira tat-tobba jiddikjaraw li joġġezzjonaw minħabba raġunijiet ta' kuxjenza, u b'hekk l-aċċess *de facto* għall-kura tal-abort huwa ta' sfida kbira f'xi reġjuni; billi l-aċċess għal kura tal-abort f'waqtha u xierqa qed jiġi miċħud fi Stati Membri oħra bħala riżultat ta' ostakli prattiċi, bħal fil-Kroazja[15];

U. billi diversi tentattivi biex jiġi dekriminalizzat bis-sħiħ l-abort fil-Belġju ġew ttardjati fil-Parlament Federali Belġjan;

V. billi f'xi pajjiżi, il-proċeduri ta' abort u pariri imparzjali jibqgħu tabù u rarament jiffurmaw parti mit-taħriġ mediku obbligatorju, u dan iwassal għal nuqqas ta' għarfien u prattika fost it-tobba għad-detriment tas-saħħa fiżika u mentali tal-pazjenti;

W. billi d-diżinformazzjoni dwar l-abort, inkluża dik online, toħloq ostaklu reali għall-awtonomija tan-nisa; billi sa ftit taż-żmien ilu fil-Ġermanja, l-għoti ta' informazzjoni fuq is-siti web tat-tobba dwar metodi ta' abort mediku kien ikkunsidrat li jippromwovi l-abort u kien ippenalizzat; billi l-"projbizzjoni tar-reklamar tal-abort" tneħħiet biss f'Lulju 2022;

X. billi r-rifuġjati Ukreni ma setgħux ikollhom aċċess għall-kura tal-abort f'xi Stati Membri, inkluż f'każijiet ta' vjolenza sesswali, li tikkostitwixxi ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem tagħhom u titqies tortura u trattament inuman jew degradanti;

Y. billi l-kriminalizzazzjoni, id-dewmien u ċ-ċaħda tal-aċċess għas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, speċifikament il-kura tal-abort, jikkostitwixxu forma ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru; billi dawn ir-restrizzjonijiet u l-projbizzjonijiet ma jnaqqsux l-għadd ta' aborti, iżda minflok iġiegħlu lin-nies jivvjaġġaw distanzi twal jew jirrikorru għal aborti mhux sikuri u dan jagħmilhom ukoll vulnerabbli għal investigazzjoni u prosekuzzjoni kriminali; billi dawn jaffettwaw lil dawk l-aktar nieqsa mir-riżorsi u mill-informazzjoni; billi kważi l-imwiet kollha li jirriżultaw minn abort mhux sikur iseħħu f'pajjiżi fejn l-abort huwa ristrett ħafna; billi dawn l-imwiet jistgħu jiġu evitati; billi l-abort mhux sikur huwa kawża ewlenija – iżda li tista' tiġi evitata – ta' morbożità materna;

Z. billi persuni u gruppi emarġinati, inklużi minoranzi razzjali, etniċi u reliġjużi, migranti, nies minn sfondi soċjoekonomiċi żvantaġġati, nies li jgħixu f'żoni rurali, persuni b'diżabbiltà, membri tal-komunità LGBTIQ+ u vittmi tal-vjolenza, spiss jiffaċċjaw ostakli addizzjonali, diskriminazzjoni intersezzjonali u vjolenza fl-aċċess għall-kura tas-saħħa; billi dan huwa riżultat ta' liġijiet u politiki li jippermettu prattiki ta' kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva koerċittivi u n-nuqqas li jiġu żgurati akkomodazzjonijiet

[14] Kunsill tal-Ewropa, "Riżoluzzjoni CM/ResChS(2016)3 Confederazione Generale Italiana del Lavoro (CGIL) vs l-Italja, Ilment Nru 91/2013", 2016; Parlament Ewropew, "Briefing: Missjoni fl-Italja tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi Mis-17 sad-19 ta' Diċembru 2018", Diċembru 2018.

[15] RODA, "Support for accessible, safe and legal termination of pregnancy in Croatia" (Appoġġ għal terminazzjoni aċċessibbli, sikura u legali tat-tqala fil-Kroazja), is-6 ta' Mejju 2022.

raġonevoli fl-aċċess għal kura u informazzjoni ta' kwalità;

1. Ifakkar, għal darb'oħra, li s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati huma drittijiet fundamentali tal-bniedem li jridu jiġu protetti u msaħħa u bl-ebda mod ma jistgħu jiddgħajfu jew jiġu rtirati;

2. Ifakkar fl-impenn tal-UE favur il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-dritt ta' kull individwu, b'mod partikolari, u ta' kull mara u tfajla, li jkollhom awtonomija tal-ġisem u kontroll sħiħ fuq kwistjonijiet relatati mas-sesswalità u d-drittijiet sesswali u riproduttivi tagħhom, u li jieħdu deċiżjonijiet b'mod liberu b'rabta magħhom, mingħajr diskriminazzjoni, koerċizzjoni u vjolenza;

3. Iħeġġeġ lill-Kunsill Ewropew iniedi Konvenzjoni għar-reviżjoni tat-Trattati, kif mitlub fir-riżoluzzjonijiet tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2022 u tat-22 ta' Novembru 2023, u jadotta l-proposta tiegħu inkluża fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Novembru 2023 biex jiżdiedu l-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-dritt għal abort sikur u legali mal-Karta u biex din tiġi emendata kif ġej:

   Artikolu 3

   Id-dritt għall-integrità tal-persuna **u għall-awtonomija tal-ġisem**

   **2a. Kull persuna għandha d-dritt għall-awtonomija tal-ġisem u għal aċċess liberu, infurmat, sħiħ u universali għas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati u għas-servizzi tal-kura tas-saħħa relatati kollha mingħajr diskriminazzjoni, inkluż aċċess għal abort sikur u legali**;

4. Jikkundanna, bl-aktar mod qawwi, ir-rigress fid-drittijiet tan-nisa u kull tentattiv rigressiv biex jiġu ristretti jew jitneħħew il-protezzjonijiet eżistenti għas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri li jseħħu globalment, inkluż fl-Istati Membri tal-UE, kif ukoll il-forom kollha ta' theddid, intimidazzjoni u fastidju diretti lejn id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu biex javvanzaw dawn id-drittijiet;

5. Jinsab imħasseb dwar iż-żieda sinifikanti fil-finanzjament għal gruppi kontra l-ġeneru u kontra l-għażla fid-dinja, inkluż fl-UE; jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu mill-għodod kollha disponibbli biex tiżgura li l-organizzazzjonijiet li jaħdmu kontra l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tan-nisa, inklużi d-drittijiet riproduttivi, ma jirċevux finanzjament tal-UE;

6. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiddekriminalizzaw bis-sħiħ l-abort f'konformità mal-linji gwida tad-WHO tal-2022, u jneħħu u jikkumbattu l-ostakli għall-abort sikur u legali u l-aċċess għas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati; jistieden lill-Polonja u lil Malta jirrevokaw il-liġijiet tagħhom u miżuri oħra dwar projbizzjonijiet u restrizzjonijiet fuq l-abort; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Pollakki jagħtu prijorità lill-isforzi leġiżlattivi biex jiżguraw aċċess sħiħ għal abort sikur u legali kemm jista' jkun malajr; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Maltin jiddekriminalizzaw immedjatament l-abort u jipprovdu aċċess għal abort sikur u legali f'konformità mal-linji gwida tad-WHO tal-2022;

7. Iħeġġeġ lill-gvernijiet tal-Istati Membri jiggarantixxu aċċess għal kura tal-abort sikura,

legali u mingħajr ħlas, għal servizzi u provvisti tal-kura tas-saħħa ta' qabel it-twelid u tal-omm, ippjanar tal-familja volontarju, kontraċezzjoni u servizzi favur iż-żgħażagħ, u għall-prevenzjoni, għat-trattament u għall-kura tal-HIV, u għall-appoġġ fil-ġlieda kontra l-HIV, mingħajr diskriminazzjoni;

8. Jikkundanna l-fatt li, f'xi Stati Membri, l-abort qed jiġi miċħud minn tobba, u f'xi każijiet minn istituzzjonijiet mediċi sħaħ, fuq il-bażi tal-klawżola tal-"kuxjenza"; jiddeplora l-fatt li din il-klawżola spiss tintuża f'sitwazzjonijiet fejn kwalunkwe dewmien jipperikola l-ħajja jew is-saħħa tal-pazjent;

9. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw aċċess għall-firxa sħiħa ta' servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati inklużi edukazzjoni komprensiva, adattata għall-età u bbażata fuq l-evidenza dwar is-sesswalità u r-relazzjonijiet għal kulħadd, metodi u provvisti ta' kontraċezzjoni ta' kwalità għolja, aċċessibbli, sikuri u mingħajr ħlas, u pariri dwar l-ippjanar tal-familja, filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali lin-nisa ta' kulur, lin-nisa Rom, lin-nisa anzjani, lin-nisa b'livelli ta' edukazzjoni aktar baxxi, lill-persuni LGBTIQ+, lin-nisa b'diżabbiltà, lill-adoloxxenti, lin-nisa migranti, fosthom il-migranti irregolari, u lin-nisa waħedhom;

10. Jistieden lill-Istati Membri u lill-gvernijiet lokali jżidu l-infiq tagħhom fuq programmi u s-sussidji diretti tagħhom lill-istrutturi, inklużi s-servizzi tal-kura tas-saħħa u l-ippjanar tal-familja u organizzazzjonijiet oħra attivi f'dan il-qasam;

11. Iħeġġeġ lill-gvernijiet tal-Istati Membri jagħmlu l-metodi u l-proċeduri tal-abort parti obbligatorja mill-kurrikulu għat-tobba u l-istudenti tal-mediċina, b'mod partikolari l-istudenti tal-ġinekoloġija;

12. Jistieden lill-Istati Membri kollha jneħħu l-ostakli legali, finanzjarji, soċjali u prattiċi u r-restrizzjonijiet fuq l-abort, inklużi dawk li jaffettwaw b'mod sproporzjonat lin-nisa fil-faqar, b'mod partikolari n-nisa razzjalizzati, inklużi n-nisa suwed u n-nisa ta' minoranza etnika, u n-nisa ta' familji b'ġenitur wieħed;

13. Jirrikonoxxi r-rwol importanti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati bħala fornituri tas-servizzi u avukati tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, u jħeġġiġhom ikomplu bil-ħidma tagħhom; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri jiżguraw u jappoġġjaw politikament spazju ċiviku abilitanti fl-UE permezz ta' strateġija tas-soċjetà ċivili, jiżguraw il-protezzjoni tan-nisa u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati permezz ta' mekkaniżmu ta' protezzjoni għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u jappoġġjawhom finanzjarjament, b'mod partikolari permezz tal-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (CERV); jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-aċċess għas-servizzi tal-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva, inkluż l-abort, permezz tal-programm EU4Health;

14. Jappella wkoll lill-UE biex taġixxi bħala avukata u tagħmel ir-rikonoxximent ta' dan id-dritt prijorità ewlenija fin-negozjati fi ħdan istituzzjonijiet internazzjonali u f'fora multilaterali oħra bħall-Kunsill tal-Ewropa u n-NU; jitlob lill-UE tirratifika l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u

lill-Kummissjoni.